**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 24 t'April, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Matthew Vella)**

**-vs-**

**Christian Mark Galea detentur tal-Karta tal-Identita` 0014187M**

***Kumpilazzjoni Nru. 425/2016***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christian Mark Galea u ċioè talli:

F'ismu propju u/jew bħala direttur u/jew rappreżentat legali (ai terminu tal-artikolu 121D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) ta' Mġarr Farming Co. Limited (C 31163), fis-sena 2016 u/jew fis-snin ta' qabel, f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Irrenda lilu nnifsu kompliċi ma' Justin Aquilina ID. 0026091M billi xewwex lil ħaddieħor inkella saħħaħ il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt ta' frodi

u/jew falsifikazzjoni, jew wiegħed li wara l-fatt jassisti, jieqaf miegħu jew jikkompensah.

2. Fl-istess lok, data w ċirkostanzi, nstab fil-pussess tiegħu jew kellu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġett (li jinkludi kull dokument, programm jew data miżmuma b'mod elettroniku) għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

3. Talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal haddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz.

4. Fl-istess lok, data u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlu użu minn xi dokument ieħor falsifikat.

5. Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta (frodi u/jew falsifikazzjoni u/jew dikjarazzjoni falza lil awtorita' pubblika) li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; kif ukoll li tapplika l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2018, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi l-hames imputazzjoni hi assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Illi r-raba imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghat-tielet imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-ammissjoni tieghu li ma jistax jinghad kienet wahda bikrija, tal-fedina penali netta tieghu w tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz partikolarment tar-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Ufficjal tal-Probation.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 31, 188, 42(e) b'riferenza għall-artikolu 189, u l-artikolu 48A b'riferenza ghall-artikoli 188, 189 u 309, kif ukoll l-artikolu 310BA(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba imputazzjoni, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu, u b'applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lil Christian Mark Galea taht ordni ta' servizz fil-komunita' bil-kundizzjoni li jaghmel xoghol bla hlas ghal tlett mitt (300) siegha f'dak il-post u b'dawk l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kundizzjonijiet kollha l-ohra msemmija fid-digriet anness.

Ai termini tas-sub inciz (4) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tispjega lill-hati bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk il-hati jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, il-hati jkun jista' jinghata sentenza għar-reat oriġinali. Il-ħati qiegħed jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

Finalment a tenur tas-sub inciz (5) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li tinghata kopja ta' l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' lill-hati, lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole, lill-Ufficcjal tas-Servizz tal-Kumunita' assenjat ghall-kaz mid-Direttur u lill-agenziji u l-awtoritajiet responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-Ordni tas-Servizz tal-Komunita'.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**